MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Numru 585/2008

PULIZIJA
SPETTUR JAMES GRECH
VS
IVAN GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ivan Galea, ta’ 33 sena, iben il-mejjet David u Maria Assunta nee’ Vella, imwieled Pieta’ fil-05/10/1974, residenti Blk A Flt 8 Triq San Nikola Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 500774(M).

U akkuzat talli nhar is-22 ta’ Gunju 2008 ghal-habta tas-18:45hrs, gewwa Triq ir-Republika Valletta,

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn Euro 1164.69 (Lm500) imma iktar minn Euro 116.47 (Lm50) ghad-detriment ta’ Matias

Camilleri detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 25386(G) bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IXL100,

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Kenwood liema ammont huwa anqas minn Euro 232.94 izda iktar minn Euro 23.29 agravat bil-Mezz, kif ukoll bix-Xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Matias Camilleri detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 25386(G),

3. u aktar talli fl-istess zmien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat,

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, Ivan Galea, assocja ruhu ma Curtis Bakoush detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 340689(M) bil-ghan li jaghmlu delitt,

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil Curtis Bakoush, fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat,

6. u aktar talli renda ruhu recediv b’diversi sentenzi tla-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra,

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi kif dedotti;

Semghet il-konferma ta’ l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, r-raba, l-hames u s-sitt akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza stante li hija alternattiva ghat-tieni akkuza u wara li rat l-Artikoli 325, 261, 263, 264 u 271, Article 48A, 42, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Article 7(1)(2), 5(a)(b)(d) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghdu taht probation order ghal perijodu ta’ tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Il-Qorti hawnhekk

taghmel accenn illi Probation Officer Carmen Naygard diga hadet konjizzjoni ta' dan il-kas. In oltre il-Qorti tqieghed lill-imputat taht treatement order fis-sens illi huwa ghandu jibda' u jikkompleta sal-finalita' tieghu programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan l-istituzzjonijiet assoccjati mas-Sedqa.

Din il-Piena qed tigi akkordata in vista tal-'presentencing report' favorevoli tal-Probation Officer Carmen Naygard u in vista tal-fatt illi l-imputat ghamel hames snin maqtugh mill-vizzju tad-droga u li rega' waqa' ghat-tentazzjoni ricentement, in vista ta' l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-ghazla tieghu illi ma jitlobx ghal-liberta' provizorja qabel ma jistab 'placement' ghal programm ta' rijabilitazzjoni, liema 'placement' gie kkonfermat illum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------